MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Numru. 1531/2007

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Kurt Grima, iben Mario, imwieled Pieta' fis-17 ta' frar, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-17 ta' diċembru, 2007 għal ħabta tal-10.30 a.m. ġewwa Triq Mimosa Ħamrun ittanta li jikkometti serq minn ġewwa vettura tal-għamla Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABN 781, għad-dannu ta' MaryAnne Adeodata Falzon min-Naxxar liema serq ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' ta' l-imputat, liema attentat ta' serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur (li ma jeċċedix l-elf lira maltin) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' parti minn vettura Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABN 781, għad-dannu ta' MaryAnne Adeodata Falzon min-Naxxar;
3. talli kiser il-kondizzjonijiet tal-Qorti mposti fuqu b'sentenzi tal-11 ta' jannar, 2007 u tat-18 ta' ottubru, 2007 fejn kien imqiegħed taħt probation.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Il-Qorti tirreleva li l-imputat kien ittratt għall-ksur tal-kondizzjonijiet imposti fis-sentenza tal-11 ta' jannar, 2007, fis-sentenza tat-18 ta' ottubru, 2007.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' frar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(a), 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------